MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 136/2013

**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 27 ta' Marzu 2014**

Rikors Guramentat Nru. 136 / 13RGM

Kawza fil-lista: 12

**A B f'isimha proprju u ghan-nom**
**u fl-interess ta' bintha minuri C B**
**vs**
**1. D E li permezz tad-digriet datat 10 ta' Lulju 2013 giet nominata kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta l-assi ereditarji tal-mejjet F E**
**2. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat fil-5 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu l-attrici ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti kienet involuta f'relazzjoni ma' F E, illum mejjet, u dana ghal perjodu ta' cirka erba' snin, mil-liema relazzjoni twieldet il-minuri Vicotria B fis-26 ta' Lulju 2012;

2. Illi gara pero illi F E miet fl-4 ta' Novembru 2011 ossia diversi xhur qabel it-twelid tal-minuri izda meta r-rikorrenti kienet diga' sitt gimghat tqila b'bintha. Ghaldaqstant gialadarba F E lahaq miet qabel it-twelid tal-minuri, ma kienx possibbli ghalih illi jirrikonoxxi lil bintu, u fil-fatt il-minuri C B giet imnizzla bhala mnissla minn *'Unknown father'* in vista tal-fatt illi r-rikorrenti u l-mejjet ma kienux mizzewwgin fiz-zmien tal-mewt tieghu;

3. Illi r-rikorrenti tirrileva illi missier bintha miet gewwa l-Isptar Mater Dei b'Myocarditis u Chronic Hepatitis wara illi kien gie rikoverat hemmhekk, fil-fatt wara illi safa decedut, saret ukoll l-awtopsja tieghu li stabbiliet l-kawza tal-mewt tieghu fuq indikata;

4. Illi r-rikorrenti giet infurmata mit-tobba u patologisti gewwa d-Dipartiment tal-Patologija ta' l-Isptar Mater Dei u senjament minn Dr. Chris Barbara u Dr E illi jezisti biopsy/post morten tissue li nzammet wara illi saret l-imsemmija awtopsija, liema biopsy/post morten tissue tinsab mizmuma gewwa l-Isptar Mater Dei u li minnha jista' jittiehed d-DNA tal-mejjet sabiex permezz ta' perit nominandi isiru t-testijiet xjentifici opportuni tad-DNA biex jigi stabbilit illi 99.999% il-mejjet huwa l-missier bijologiku tal-minuri C B.

5. Illi r-rikorrenti ghandha interess illi bintha C tigi dikjarata bhala l-wild naturali ta' F E, u huwa ukoll fl-interess ta' l-istess minuri illi ma tibqax tidher bhala nmnissla minn *"Unknown Father*" meta l-paternita' taghha tista' tigi facilment stabbilita;

L-attrici tat ir-raguni ghat-talba:

i. Jigi stabbilit u dikjarat illi l-minuri C maghrufa bil-kunjom B hija effettivament bint il-mejjet F E;

ii. Konsegwentement li ssir korrezzjoni tal- l-Att tat-Twelid bin-numru 3618/2012 sabiex jirrifletti din il-verita dwar il-paternita' tal-minuri.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-mejjet F E huwa il-missier naturali tal-minuri C B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur Tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid numru 3618/2012 tal-minuri C prezentement maghrufa bil-kunjom B ossia:

(a) jissostitwixxi l-kunjom "B" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msehjha" bil-kunjom "E Busutiil";

(b) Jissostitwixxi l-kliem "*Unknown father"* fl-kolonna "Isem u kunjom" b'referenza ghall-intestatura ta' "Missier it-Tarbija" bil-kliem "Vicotr E (Dead);

(c) Jinserixxi in-numri u l-kliem "0326976M ID Card Number" fil-kolonna "id-Dokument ta' l-Identita" b'riferenza ghall-intestatura ta "Missier it-Tarbija";

(d) Jinserixxi n-numru "35" fil-kolonna "Eta" b'riferenza ghall-intestatura ta "Missier it-Tarbija"

(e) Jinserixxi l-kliem "Fgura, Malta" fil-kolonna "Fejn Twieldu" in kwantu jirrigwarda l-intestatura l-intestata "Missier it-Tarbija";

(f) Jinserixxi l-kliem "Michael E (Dead)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet" b'riferenza ghall-intestata "Missier it-Tarbija".

Bl-ispejjes kontra l-intimata jew min minnhom ilkoll ingunti minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat l-elenku tad-dokumenti pprezentati;

Rat id-digriet[1] datat l-10 ta' Lulju 2013 fejn Emmanuela E giet nominata kuratrici ta' l-assi ereditarji tal-mejjet F E.

Rat ir-risposta guramentata[2] tad-Direttur Tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa is-segwenti:

1. Illi l-esponent jistqarr li hu m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalehkk ghal dka li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorju ghalkemm f'dan l-amibitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet koncernati jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi finalment dujjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tx-xhieda tad-Direttur;

Rat l-attir kollha,.

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

[1] a folio 8
[2] a folio 17

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla C B li twieldet fis-26 ta' Lulju 2012 u li fl-att tat-twelid taghha giet registrata bhala bint ta' *'missier mhux maghruf'* hija fil-fatt bint il-mejjet F E.

**Provi**

L-attrici xhedet li minn relazzjoni li kellha ma' F E, twieldet tarbija bl-isem C B. Peress li F B miet meta l-attrici kienet sitt gimghat tqila ma setax jirrikonoxxiha meta twieldet u ghaldaqstant fic-Certifikat tat-Twelid il-missier kellu jitnizzel bhala *'Unknown Father'*. L-attrici sussewgwentement giet infurmata li tezisti biopsy / post mortem tissue li nzammet wara illi saret awtopsja fuq F E u permezz ta' din it-tissue seta' jigi verifikat jekk it-tarbija hiex il-wild naturali ta' F E.

L-Analista Dr Marisa Cassar ezebit id-'DNA Paternity Report' minnha maghmul minn fejn jirrizulta li l-probabilita' li l-mejjet F E huwa il-missier naturali tal-minuri C B hi ta' 99.9999%.

**Konsiderazzjonijiet**
**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi:
(1) L-omm ta’ iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f’kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta’ dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA ma jhallu l-ebda dubju li l-mejjet F E huwa fil-fatt il-missier bijologiku tal-minuri C.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet attrici fuq indikati huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta tal-konvenut Direttur billi tilqa’ t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara illi l-mejjet F E huwa il-missier naturali tal-minuri C B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur Tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid numru 3618/2012 tal-minuri C prezentement maghrufa bil-kunjom B :

(a) jissostitwixxi l-kunjom "B" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msehjha" bil-kunjom "E Busutiil";

(b) Jissostitwixxi l-kliem "*Unknown father"* fl-kolonna "Isem u kunjom" b'referenza ghall-intestatura ta' "Missier it-Tarbija" bil-kliem "F E (Dead);

(c) Jinserixxi in-numri u l-kliem "0326976M ID Card Number" fil-kolonna "id-Dokument ta' l-Identita" b'riferenza ghall-intestatura ta "Missier it-Tarbija";

(d) Jinserixxi n-numru "35" fil-kolonna "Eta" b'riferenza ghall-intestatura ta "Missier it-Tarbija"

(e) Jinserixxi l-kliem "Fgura, Malta" fil-kolonna "Fejn Twieldu" in kwantu jirrigwarda l-intestatura l-intestata "Missier it-Tarbija";

(g) Jinserixxi l-kliem "Michael E (Dead)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet" b'riferenza ghall-intestata "Missier it-Tarbija".

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------